MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI INFERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tat-22 ta' Jannar, 2013

Avviz Numru. 24/2000/1

**Bank of Valletta plc**

**vs**

**Tarcisio Rapa**

**Illum it-Tlieta, 22 ta’ Jannar 2013**

Il-Qorti,

Rat l-Avviż li permezz tiegħu l-Bank attur talab lill-konvenut jgħid għaliex m’għandux jiġi kkundannat minn din il-Qorti sabiex iħallsu s-somma ta’ ħames mija u wieħed u għoxrin Lira Maltija u ċenteżmu (Lm521,01ċ) dovuti lil istess kumpanija attriċi, u rappreżentanti debitu fil-kont bankarju tiegħek magħha bin-numru 32404056013, liema debitu jirriżulta li sar minnek bil-karta tal-kreditu tiegħek. Għandek tiġi ikundannat ukoll sabiex tħallas is-somma ta’ sbatax il-lira Maltija u disgħin ċenteżmu

(Lm17.90ċ) spejjes amministrattivi li inkorra l-bank sabiex jipprova jiġbor dan id-debitu minn għandek.

Bl-imgħaxijiet dovuta fuq l-għola rata premessa mil-liġi minn Diċembru 1998 sad-data tal-ħlas effettiv.

Bl-ispejjez kollha nklużi dawk ta' l-ittra interpellatorja tas-7 ta' Frar 2000, dawk tal-ittra uffiċċjlai tal-21 ta' Frar 2000, u dawk tal-mandati ta' Qbid u Sekwestru kawtelatorji, preżentati kontestwalment ma da l-avviż.

Il-konvenut jinsab imħarrek għas-subizzjoni li għaliha minn issa jinsab inġunt.

Rat in-Nota ta' l-Eċċezzjonijiet tal-konvenut li eċċepixxa:

(i) Illi t-talbiet attriċi huma infondat fid-dritt u fil-fatt u dana peress illi mhux talli l-konvenut m'huwiex debitur fil-konfront tal-bank għal ebda ammont ta' flus, imma adirittura huwa l-istess bank li huwa responsabbli fil-konfront tal-konvenut għad-danni;

(ii) Illi fil-fatt bejn l-istess partijiet u fuq l-istess suġġett hemm kawża pendenti quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet: Tarcisio u Grace konjuġi Rapa vs Chairman Bank of Valletta Limited" (Ċitż. Nru.:2509-99X1 RCP) u għaldaqstant għandu jingħata digriet ta' soprasessjoni ta' dana l-avviż sakemm tiġi deċiża l-kawża prinċipali fl-ismijiet premessi;

(iii) Salvi eċċezzjonijiet oħra fid-dritt u fil-fatt.

Rat in-Nota tal-konvenut tal-11 ta' Diċembru 2012 li permezz tagħha ammetta t-talbiet.

Rat il-verbal tal-partijiet ta' l-istess ġurnata fejn qablu li l-imgħaxijiet dovuti kellhom jiġu komputati bis-*simple interest* b'effett mis-26 ta' Diċembru 1998.

Rat id-digriet tagħha ta' l-istess ġurnata wkoll, fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza.

Ikkunsidrat:

Illi permezz ta' din il-kawża, l-Bank attur qed jirreklama mingħand il-konvenut is-somma ta' Lm521.01ċ rappreżentanti debitu fil-kont bankarju tiegħu, flimkien ma' Lm17.90ċ bħala spejjeż amministrattivi li kien inkorra l-istess Bank sabiex jipprova jiġbor dan id-debitu.

Bin-Nota msemmija tal-11 ta' Diċembru 2012 il-konvenut ammetta t-talbiet. B'verbal ta' l-istess jum il-partijiet qablu li l-imgħaxijiet għandhom jiddekorru bis-*simple interest* b'effett mis-26 ta' Diċembru 1998.

In vista ta' din l-ammissjoni  u ftehim, il-Qorti tiddeċiedi l-kawża għalhekk billi tilqa't-talbiet attriċi u:

1. tikkundanna lill-konvenut sabiex iħallas lill-Bank attur is-somma ta' ħames mija wieħed u għoxrin lira maltija u ċenteżmu (Lm521.01ċ) ekwivalenti fi flus korrenti għas-somma ta' elf mitejn u tlettax il-euro u tlieta u sittin ċenteżmu (€1213.63ċ), rappreżentanti debitu fil-kont bankarju tal-konvenut fl-imsemmi Bank, flimkien ma sbatax il-lira maltija u disgħin ċenteżmu (Lm17.90ċ) ekwivalenti llum għal wieħed u erbgħin ewro u sebgħin ċenteżmu (€41.70ċ), dovuti bħala spejjeż amministrattivi nkorsi mill-istess Bank biex jipprova jiġbor dan id-debitu, ammontanti b'kollox għal elf mitejn ħamsa u ħamsin ewro u tlieta u tletin ċenteżmu (€1255.33ċ).

Bl-imgħaxijet fuq dan l-ammont b'rata ta' *simple interest* b'effett mis-sitta u għoxrin (26) ta' Diċembru tas-sena elf disa' mija tmienja u disgħin (1998).

Bl-ispejjeż, inklużi dawk ta' l-ittra nterpellatorja tas-7 ta' Frar 2000, ta' l-ittra uffiċċjali tal-21 ta' Frar 2000 u tal-Mandati ta' Qbid u Sekwestru kawtelatorji ppresentati kontestwalment mal-kawża, kollox kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------